

Brussell, 17 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9584/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0139(NLE)

ECOFIN 630
UEM 179
FIN 592
ECB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Belġju

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Belġju**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan) mill-Belġju fit-30 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (“id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”)². Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata bid-deċiżjonijiet ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta’ Diċembru 2023³, tal-10 ta’ Diċembru 2024⁴, tat-18 ta’ Frar 2025⁵ u tal-11 ta’ Marzu 2025⁶.
- (2) Fil-25 ta’ April 2025, il-Belġju għamel talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista’ jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta’ dan, il-Belġju ppreżenta RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP li ressaq il-Belġju minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 22 miżura.

² Ara d-dokumenti ST 10161/21 u ST 10161/21 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 15570/23 u ST 15570/23 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokumenti ST 15974/24 u ST 15974/24 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁵ Ara d-dokumenti ST 5654/25 u ST 5654/25 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁶ Ara d-dokumenti ST 6545/25 u ST 6545/25 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Il-Belġju spjega li tmien miżuri ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna d-deskrizzjoni tar-riforma R-1.05 ("Qafas regolatorju għat-trasport tad-diossidu tal-karbonju (CO₂) permezz ta' pipelines fi Flanders" tar-Reġjun Fjamming) u l-istadju importanti 15bis tar-riforma R-1.05 taħt il-komponent 1.2 (Teknoloġiji tal-Enerġija Emerġenti); il-miri 36 u 37 tal-investiment I-1.22 ("Il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima" tar-Reġjun ta' Wallonia), taħt il-komponent 1.3 (Il-Klima u l-Ambjent); id-deskrizzjoni tal-investiment I-2.01 ("Soċjetà diġitali ċibersigura u reżiljenti" tal-Istat Federali); il-mira 44 tal-investiment I-2.01 u l-istadju importanti 47 tal-investiment I-2.01 taħt il-komponent 2.1 (Ċibersigurtà); l-istadju importanti 58 tal-investiment I-2.05 ("Diġitalizzazzjoni SPF" tal-Istat Federali) u l-istadju importanti 59 tal-investiment I-2.05 ("Diġitalizzazzjoni SPF, submiżura 1: Trasformazzjoni diġitali tal-Ġustizzja" tal-Istat Federali), taħt il-komponent 2.2 (Amministrazzjoni Pubblika); id-deskrizzjoni tal-investiment I-3.14 ("Għotjiet għal bidla modali" tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali) u l-mira 113 tal-investiment I-3.14 taħt il-komponent 3.2 (Bidla Modali); id-deskrizzjoni tar-riforma R-4.06 ("Suq tax-xogħol inklużiv" tal-Komunità Fjamminga) u l-istadji importanti 141 u 142 tar-riforma R-4.06 taħt il-komponent 4.2 (Taħriġ u impjieg ta' Gruppi Vulnerabbli); id-deskrizzjoni tar-riforma R-5.01 ("Reġim ta' akkumulazzjoni u mobbiltà għal setturi b'nuqqasijiet" tal-Istat Federali) u l-istadji importanti 175 u 176 tar-riforma R-5.01 taħt il-komponent 5.1 (It-Taħriġ u s-Suq tax-Xogħol); l-istadji importanti 184 u 185 tal-investiment I-5.10 ("R&D: Minimizzazzjoni tal-iskart waqt iż-żarmar" tal-Istat Federali), taħt il-komponent 5.2 (Appoġġ għall-Attività Ekonomika). Abbażi ta' dan, il-Belġju talab li l-istadji importanti, il-miri u d-deskrizzjonijiet tal-miżuri msemmija hawn fuq jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (5) Il-Belġju spjega li tmien miżuri ġew emendati sabiex tiġi implimentata alternattiva aħjar li tippermetti li jitnaqqas il-piż amministrattiv, filwaqt li xorta jinkisbu l-għanijiet ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miri 5, 6 u 7 tal-investiment I-1A ("Rinnovazzjonijiet tal-akkomodazzjoni privata u soċjali"), taħt il-komponent 1.1 (Rinnovazzjoni); il-miri 12 u 13 tal-investiment I-1B (Rinnovazzjonijiet tal-bini pubbliku) taħt il-komponent 1.1 (Rinnovazzjoni); id-deskrizzjoni tal-investiment I-1.22 ("Il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima" tar-Reġjun ta' Wallonia) taħt il-komponent 1.3 (Il-klima u l-ambjent); l-istadju importanti 82 tal-investiment I-2.14 ("L-iżvilupp ta' istitut tal-IA sabiex din it-teknoloġija tintuża biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà" tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali) taħt il-komponent 2.3 (Il-fibra ottika, il-5G u t-teknoloġiji l-ġodda); id-deskrizzjoni tar-riforma R-3.05 ("Stazzjonijiet tal-iċċarġjar – RBC" tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali) taħt il-komponent 3.3 (L-ekoloġizzazzjoni tat-trasport bit-triq); il-mira 121 tar-riforma R-3.05 ("Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - RBC" tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali) taħt il-komponent 3.3 (L-ekoloġizzazzjoni tat-trasport bit-triq); id-deskrizzjoni tal-investiment I-3.19 ("Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - VLA" tar-Reġjun Fjamming) taħt il-komponent 3.3 (L-ekoloġizzazzjoni tat-trasport bit-triq); id-deskrizzjoni tar-riforma R-4.04 ("L-indirizzar tad-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol" tal-Istat Federali) u l-istadju importanti 140 tar-riforma R-4.04 taħt il-komponent 4.2 (Taħriġ u impjieg ta' gruppi vulnerabbli); il-mira 148 tal-investiment I-4.10 ("Il-ġeneru u x-xogħol" tal-Istat Federali) taħt il-komponent 4.2 (Taħriġ u impjieg ta' gruppi vulnerabbli); u l-istadju importanti 228 tar-riforma R-7.02 ("Riforma tal-proċeduri ta' appell tal-Kunsill tal-Istat" tal-Istat Federali) taħt il-komponent 7.3 (L-enerġija rinnovabbli).

Abbażi ta' dan, il-Belġju talab li l-informazzjoni ġenerali mhux meħtieġa jew elementi proċedurali li ma jagħtux kontribut għall-oġġettivi jew għall-kuntest tal-miżuri jitneħħew. Barra minn hekk, il-Belġju talab li jiġu ssimplifikati d-deskrizzjonijiet tal-miżuri jew tal-istadji importanti u l-miri li jikkawżaw piż amministrattiv mhux ġustifikat fir-rigward tal-kisba tal-oġġettivi tal-miżuri rispettivi. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (6) Il-Belġju spjega li miżura waħda parzjalment ma tistax tinkiseb aktar, minħabba l-inflazzjoni għolja. Dan jikkonċerna d-deskrizzjoni tal-investiment I-4.13 ("Il-ħolqien u r-rinnovazzjoni ta' infrastruttura għall-indukrar bikri tat-tfal" tar-Reġjun ta' Wallonia) u l-istadju importanti 155 tal-investiment I-4.13 taħt il-komponent 4.3 (L-Infrastruttura Soċjali). Abbażi ta' dan, il-Belġju talab li d-deskrizzjoni tal-miżura u l-istadju importanti msemmija hawn fuq jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (7) Il-Belġju spjega li miżura waħda ġiet emendata fil-kuntest ta' simplifikazzjoni sabiex jiġi allinjat il-kliem tal-indikatur kwalitattiv u d-deskrizzjoni tal-istadju importanti. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 159 tal-investiment I-5.01 ("A6K/E6K Hub ta' Innovazzjoni u Taħriġ Diġitali u Teknoloġiċi" tar-Reġjun ta' Wallonia) taħt il-komponent 5.1 (It-Taħriġ u s-Suq tax-Xogħol). Abbażi ta' dan, il-Belġju talab li l-miżura msemmija hawn fuq tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (8) Il-Belġju spjega li erba' miżuri ġew emendati parzjalment minħabba diffikultajiet tekniċi mhux mistennija. Dan jikkonċerna l-istadji importanti 124 u 125 tar-riforma R-3.07 ("Frodi tal-emissjonijiet" tar-Reġjun Fjamming) u d-deskrizzjoni tar-riforma R-3.07 taħt il-komponent 3.3 (L-ekoloġizzazzjoni tat-Trasport bit-Triq). Abbażi ta' dan, il-Belġju talab li d-deskrizzjoni tal-miżura u l-istadji importanti msemmija hawn fuq jiġu emendati. Barra minn hekk, il-Belġju talab li d-data ta' skadenza tal-implimentazzjoni tal-istadju importanti 50 tal-investment I-2.03 ("Iċ-ċibersigurtà: Interċettazzjoni u salvagwardja NTSU/CTIF" tal-Istat Federali) taħt il-komponent 2.1 (Iċ-ċibersigurtà) tiġi estiża u li d-deskrizzjoni ta' dak l-investment tiġi emendata. Barra minn hekk, il-Belġju talab li l-istadju importanti 79 tar-riforma R-2.02 ("Gvern elettroniku: Proċedura ta' sejħa għal offerti" tal-Istat Federali) u d-deskrizzjoni tar-riforma R-2.02 taħt il-komponent 2.2 (Amministrazzjoni pubblika); u l-istadji importanti 207 u 208 tar-riforma R-6 (Rieżamijiet tal-infiq) taħt il-komponent 6.1 (Rieżamijiet tal-infiq) jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (9) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Belġju jiġġustifikaw l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (10) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi modifikata biex tqis l-emendi tal-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mill-Belġju.

Korrezzjoni ta' żbalji klerikali

- (11) Ġew identifikati 10 żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw stadju importanti wieħed u erba' miri u ħames miżuri taħt sitt komponenti. Jenġieħ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata sabiex jiġu kkoreġuti dawk l-iżbalji klerikali, li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-30 ta' April 2021, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Belġju. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mal-istadju importanti 38 tal-investiment I-1.22 ("Il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima" tar-Reġjun ta' Wallonia) taħt il-komponent 1.3 (Il-Klima u l-Ambjent); il-mira 71 tal-investiment I-2.10 ("Pjattaforma reġjonali għall-iskambju tad-data" tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali) taħt il-komponent 2.2 (Amministrazzjoni Pubblika); il-mira 99 tal-investiment I-3B ("It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia") taħt il-komponent 3.2 (Bidla Modali); il-mira 138 tal-investiment I-4.05 ("Bidla diġitali għall-iskejjel ta' Brussell" tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali) taħt il-komponent 4.1 (Edukazzjoni 2.0); il-mira 146 tal-investiment I-4.08 ("Inklużjoni elettronika għall-Belġju" tal-Istat Federali) taħt il-komponent 4.2 (Taħriġ u Impjieġ ta' Gruppi Vulnerabbli); id-deskrizzjoni tal-tal-investiment I-2.15 ("It-titjib tal-konnettività tal-35 park kummerċjali f'Wallonia" tar-Reġjun ta' Wallonia) taħt il-komponent 2.3 (Il-Fibra ottika, il-5G u t-teknoloġiji ġodda); l-investiment I-3H ("Għodod ta' Mobbiltà Intelliġenti" tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali), l-investiment I-3.07 ("Estensjoni tal-metro" tar-Reġjun ta' Wallonia), u l-investiment I-3.08 ("Sinjali tat-toroq intelliġenti" tar-Reġjun ta' Wallonia) taħt il-komponent 3.2 (Bidla Modali); u r-riforma R-4.03 ("Pjan ta' azzjoni globali kontra t-tluq bikri mill-iskola" tal-Komunità Franċiża) taħt il-komponent 4.1 (Edukazzjoni 2.0). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (12) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (13) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi li ppreżenta l-Belġju ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Valutazzjoni pożittiva

- (14) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (15) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat tal-Belġju jammonta għal EUR 5 279 567 854. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Belġju, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ u mal-Artikolu 20(4) u mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tal-Belġju jenħtieġ li tkun uguali għal EUR 5 033 950 235. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Belġju tibqa' l-istess.

Għoti ta' self

- (16) L-appoġġ b'self li sar disponibbli għall-Belġju li jammonta għal EUR 244 200 000 jibqa' l-istess.
- (17) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Belġju hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Belġju abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti relatati mal-pagament ta' appoġġ mhux ripagabbli u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti l-aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
